# IT-TAĦRIĠ MUŻIKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-KAŻINI TAL-BANDA

# Linji Gwida

# 2018

# KONTENUT


| | | |
|---|---|---|
| 1. | Introduzzjoni | 3 |
| 2. | Għan | 3 |
| 3. | Il-Proġett fil-Qosor | 3 |
| 4. | Regolamenti tal-Iskema | 3 |
| 5. | Kriterji li fuqhom jiġu magħżula l-Proposti | 4 |
| 6. | Iffinanzjar tal-Inizjattivi | 5 |
| 7. | Obbligi tal-Parteċipanti Msieħba | 5 |
| 8. | *Timeline* tal-Proġett | 6 |
| 9. | Kuntatti | 6 |

## 1. INTRODUZZJONI

Aġenzija Żgħażagħ bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda, qed tniedi l-proġett 'It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda' bħala parti mill-programm ta' Sapport lill-Għaqdiet taż-Żgħażagħ. Dan il-proġett qiegħed jiġi amministrat mill-istess Aġenzija, fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji.

## 2. GĦAN

F'bosta bliet u rħula, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, teżisti l-faċilità ta' tagħlim tal-mużika fil-lokalità permezz tal-Każini tal-Banda.

L-għan ewlieni wara dan il-proġett huwa t-tnedija ta' skema finanzjarja li tagħti spazju lill-Każini tal-Banda rispettivi, joħorġu b'inizjattivi innovattivi li bihom:

1. iħeġġu żgħażagħ sa 30 sena (magħluqa fl-aħħar ta' l-2018) jibdew jitgħallmu, jew ikomplu jitgħallmu l-mużika, b'metodi effettivi, innovattivi u moderni.

2. tingħaraf l-importanza ta' tagħlim mużikali sħiħ b'attenzjoni għall-prattika ta' strument, teorija, u taħriġ tal-widna

3. itejbu s-servizzi u l-metodi ta' tagħlim għal dawk iż-żgħażagħ li diġà qegħdin jattendu l-każini;

Jingħataw prijorita lill-proposti li huma sottomessi minn benefiċjarji li qatt ma' ssottomettew proposti oħrajn taħt l-iskema u li jkunu ta' kwalita' tajba; għal dawk il-proposti li jiprovdu t-tagħlim għal surmastrijiet żgħażagħ, u għall-involviment ta' għalliema b'esperjenzi internazzjonali u professjonali fil-mużika.

## 3. IL-PROĠETT FIL-QOSOR: MIT-TNEDIJA SAT-TMIEM

Il-Każini tal-Banda interessati li jipparteċipaw iridu jagħmlu proposta billi jimlew formola li tinstab il-portal www.vofunding.org.mt u jissottomettuha skont id-data stipulata. Il-Każini tal-Banda huma mitluba li jimlew l-imsemmija formola b'kull dettal mitlub. Waqt dan il-proċess, il-Każini tal-Banda jistgħu jagħmlu użu minn *youth worker* billi jċemplu lill-Aġenżija Żgħażagħ fuq 22586700 sabiex jitolbu għal din l-għajnuna. Każini tal-Banda jistgħu ukoll jitolbu għajnuna teknika sabiex issir is-

sottomissjoni tal-proġetti online billi jċemplu lill-Malta Council for the Voluntary Sector fuq 22481114.

Il-Każini tal-Banda jistgħu wkoll jattendu għal laqgħa/t ta' informazzjoni organizzati minn Aġenżija Żgħażagħ, b'kollaborazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda, l-Malta Council for the Voluntary Sector.

Wara li Aġenzija Żgħażagħ tirċievi l-proposti mibgħuta mill-Każini tal-Banda, Aġenzija Żgħażagħ, bil-parteċipazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda, twaqqaf kumitat ta' għażla sabiex jintgħażlu l-proġetti skont il-kriterji stipulati u tħabbar il-proġetti magħżula li ser jiġu mogħtija l-fondi.

## 4. REGOLAMENTI TAL-ISKEMA

**Eliġibilità:**

Il-Każini tal-Banda kollha ta' Malta u Għawdex:

- li huma reġistrati bħala Organizazzjoni Volontarja mal-Kummisarju tal-Volontarjat

- li huma wkoll konformi (compliant) mal-Liġi tal-Organizzazzjoni Volontarji sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u

- membri attivi tal-Għaqda Każini tal-Banda.

- **Fil-każ ta' Skema A, proġetti proposti minn każin tal-banda wieħed. Fil-każ ta' Skema B, proġetti konġunti bejn żewġ soċjetajiet mużikali jew aktar.**

**Il-Proposta:**

- Għandha tkun sottomessa elettronikament mill-portal www.vofunding.org.mt sal-**Ġimgħa 1 ta' Diċembru 2017** sa 12.00pm. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

- Importanti li l-inizjattiva proposta ma tħallix qliegħ u li żgħażagħ li qiegħdin jirċievu servizz ta' tagħlim permezz ta' l-iskema ma jintalbux ħlas.

**Żmien ta' implimentazzjoni:**

- L-inizjattivi magħżula jintemmu sat-18 ta' Novembru 2018.

## 5. KRITERJI U KUNDIZZJONIJIET LI FUQHOM SE JIĠU MAGĦŻULA L-PROPOSTI

### Kriterji

- Inizjattiva miktuba b'mod ċar u loġiku. Pjan ċar u realistiku ta' kif se titwettaq l-inizjattiva. (20 marka)
- Inizjattiva li tirrifletti l-għanijiet tal-proġett. (15-il marka)
- Relevanza għall-prijoritajiet tal-iskema. (10 marki)
- Evidenza ta' kif qed tiżviluppa t-tagħlim tal-mużika u s-saħħaħ is-sostenibilità u l-kontinwazzjoni tal-inizjattiva wara li jintemm dan il-perjodu taħt din l-iskema l-istrutturi ta' tagħlim . (15-il marka)
- L-innovazzjoni tal-inizjattiva. (10 marka)
- Baġit realistiku li juri li n-nefqa tirrifletti taħriġ mużikali li jsaħħaħ is-servizz ta' tagħlim li diġa jeżisti fil-każin. (15-il marka)
- Miżuri ta' Viżibilita (10 marki)
- Kollaborazzjoni mal-għaqda każini tal-banda (5 marki)

### Kundizzjonijiet

- Proposti li jkunu jittrattaw **biss** infieq kapitali (inkluż iżda mhux biss strumenti mużikali) ma jiġux ikkunsidrati. Il-proposta trid tinkludi wkoll baġit dettaljat u realistku tal-infieq li għandu x'jaqsam mat-tagħlim mużikali.
- Każini tal-banda li diġà bbenefikaw f'sejħiet preċedenti huma mitluba jgħidu b'mod dettaljat x'għamlu u x'riżultati kisbu fit-taħlim li huma joffru permezz ta' proġetti passati. Il-proposta sottomessa trid turi kif permezz tal-fondi l-ġodda s-soċjeta mużikali ser issostni u tkompli ssaħħaħ l-eżitu u l-kisbiet ta' ħidma fit-tagħlim mużikali fil-passat, hekk kif indikat fl-applikazzjoni għas-sena 2018. Jekk huwa relatat, il-Każini tal-Banda huma mitluba jindikaw x'inhuma l-miri finali ta' din il-proposta.

- Matul is-sena 2018 uffiċjali minn Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Każini tal-Banda ser jagħmlu żjarat ta' moniteraġġ fejn fihom issir evalwazzjoni tal-inizjattivi magħżula.

- Il-Kumitat ta' l-Għażla maħtur mill-Aġenzija Żgħażagħ bil-parteċipazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda għandu d-dritt li jgħażel li jiffinanza biss elementi tal-baġit relatati mal-inizjattivi ta' tagħlim mużikali taż-żgħażagħ fil-proposta.

## 6. IFFINANZJAR TAL-INIZJATTIVA

Jistgħu isiru applikazzjoni taħt żewġ kategoriji:

Kategorija A: Inizjattiva sottomessa minn każin wieħed

- Inizjattiva tiswa sa massimu ta' €3,000.00 l-Aġenzija Żgħażagħ tiffinanzja 80% tal-ispiża (sa massimu ta' €2,400.00). L-20% li jibqa' jridu jiġu ffinanzjati mill-Każini tal-Banda rispettivi. Is-sussidju jingħata biss meta jiġu ppreżentati l-irċevuti tal-ispejjeż indikati fil-proposta.

Kategorija B: Inizjattiva sottomessa minn grupp ta' każini

- Inizjattiva li tiswa sa massimu ta' €20,000.00, fejn għal kull partner jista' jintalab €2,000.00. L-Aġenzija Żgħażagħ tiffinanzja 80% tal-ispiża. L-20% li jibqa' jridu jiġu ffinanzjati mill-Każini tal-Banda rispettivi. L-Aġenzija Żgħażagħ tgħaddi l-finanzjament għand il-'lead partner'. Is-sussidju jingħata biss meta jiġu ppreżentati l-irċevuti tal-ispejjeż indikati fil-proposta.

L-Aġenzija Żgħażagħ ma teskludix il-Każini li jippreżentaw proposti li jiswew aktar mill-massimu indikat, madankollu, is-sussidju massimu li l-Aġenzija Żgħażagħ tagħti qatt ma jaqbeż il-massimu indikat.

Ġaladarba l-proposta tiġi aċċettata, il-Każini jiġu mogħtija 50% tal-ammont approvat mill-bord tal-għażla, it-tieni nofs jingħata lill-Każini ġaladarba l-Każin jippreżenta r-rapport finali flimkien mal-irċevuti fiskali u d-dokumenti neċessarji li jirriflettu l-ispejjeż approvati mill-proposta.

## 7. OBBLIGI TAL-PARTEĊIPANTI MSIEĦBA

**Aġenzija Żgħażagħ:**

- Tamministra l-proġett flimkien mal-Għaqda Każini tal-Banda.
- Tippromwovi u tagħti assistenza neċessarja lill-Każini tal-Banda.
- Taħtar Kumitat ta' Għażla biex jevalwa l-proposti għall-inizjattivi mill-Każini tal-Banda u jikklassifikahom f'ordni ta'preferenza.
- Matul is-sena 2018 uffiċjali minn Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Każini tal-Banda ser jagħmlu żjarat ta' moniteraġġ fejn fihom issir evalwazzjoni tal-inizjattivi magħżula.
- Tippromwovi s-suċċess li jinkiseb minn dawn il-proġetti.

**Għaqda Każini tal-Banda:**

- Tippromwovi u tagħti assistenza neċessarja lill-Każini tal-Banda.
- Tipparteċipa fil-ħatra tal-Kumitat ta' Għażla.
- Matul is-sena 2018 uffiċjali minn Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Każini tal-Banda ser jagħmlu żjarat ta' moniteraġġ fejn fihom issir evalwazzjoni tal-inizjattivi magħżula.
- Tippromwovi s-suċċess li jinkiseb minn dawn il-proġetti.

**Każini tal-Banda bi proposti magħżula**

- Iwettqu l-inizjattiva skont id-dati stipulati.
- Jipprovdu kull informazzjoni relatata mal-inizjattiva lill-Aġenzija Żgħażagħ meta mitluba.
- Li jinfurmaw l-uffiċċjal inkarigat meta l-attivitajiet ikunu qed isiru, jew tlestew, jiddipendi min-natura tal-proġett sabiex issir żjara fuq il-post.

- Iridu jieħdu sehem f'attività organizzata minn Aġenzija Żgħażagħ bil-għan li jippreżentaw il-proġetti tagħhom lill-għaqdiet l-oħra u l-pubbliku. Dettalji dwar din l-attività jitħabbru aktar tard.

- Iħejju rapport finali u rendikont finanzjarju flimkien mal-irċevuti fiskali oriġinali tal-inizjattiva kollha sabiex l-Aġenzija Żgħażagħ tirrifondi l-ispejjeż konnessi.

- Kull tip ta' materjal li joħroġ b'konnessjoni ma' dan il-proġett mill-Każini tal-Banda, irid jinkludi wkoll il-*logo* ta' Aġenzija Żgħażagħ u dak tal-Għaqda Każini tal-Banda.

- Jallokaw paġna lill-inizjattiva fir-rivista tal-każin li toħroġ jew annwalment jew minn żmien għall-ieħor, jekk il-każin għandu rivista.

## 8. *TIMELINE* TAL-PROĠETT

| | |
|---|---|
| Tiftaħ l-applikazzjoni u ssir promozzjoni tal-proġett | Ottubru 2017 - Diċembru 2017 |
| Tingħata assistenza lill-Każini tal-Banda fuq il-proġett | Ottubru 2017- Novembru 2017, b'appuntament |
| Jintlaqgħu l-proposti | Sa nofsinnhar tal-Ġimgħa, 1 ta' Diċembru 2017 mill-portal www.vofunding.org.mt |
| Evalwazjonijiet tal-proposti sottomessi | Diċembru 2017 |
| Jitħabbru l-inizjattivi magħżula | Jannar 2018 |
| Jiġi ffirmat il-kuntratt finanzjarju | Frar 2018 |
| Tkun implimentata l-proposta magħżula | Frar – 18 ta' Novembru 2018 |
| Jintlaqgħu r-rapporti finali tal-proġetti li jinkludu r-rapport finanzjarju. | Novembru 2018 |
| Attività finali | Diċembru 2018/Jannar 2019 |

## 9. KUNTATTI:

**Indirizz:** Aġenzija Żgħażagħ
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Websajt: www.agenzijazghazagh.gov.mt

Tel: 22586700

**Koordinatriċi tal-Proġett:** Maria C. Borg
Imejl: maria-carmela.borg@gov.mt
Tel: 22586743

**Għal għajnuna teknika dwar l-użu tal-Portal www.vofunding.org.mt:**

Malta Council for the Voluntary Sector
c/o Maria Louisa Busuttil

Imejl: Maria-louisa.busuttil@gov.mt
Tel: 22481114